

DEĊIŻJONI (UE) 2022/2546 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tas-16 ta' Diċembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2010/29 dwar il-ħruġ ta' karti tal-euro (BĊE/2022/46)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1211 ⁽¹⁾, b'mod konformi mal-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro u d-deroga mogħtija lill-Kroazja msemija fl-Artikolu 5 tal-Att ta' Adeżjoni tal-2012 ⁽²⁾ ser tiġi abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.
- (2) L-Artikolu 1(d) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽³⁾ jiddefinixxi l-*'[i]skema ta' distribuzzjoni ta' karti tal-flus'* u jirreferi għall-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, li jispjefika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li tapplika sa mill-1 ta' Frar 2020. Peress li l-Kroazja se tadotta l-euro fl-1 ta' Jannar 2023 se japplikaw ponderazzjonijiet ġodda tal-iskema kaptali minn dik id-data, id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 jeħtieġ li tiġi emendata sabiex tiddetermina l-iskema għad-distibuzzjoni tal-karti tal-flus li tapplika mill-1 ta' Jannar 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Emendi**

Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 hija emendata kif ġej:

1. l-aħħar sentenza tal-Artikolu 1(d) hija ssostitwita b' li ġej:
'L-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jispjefika l-iskema għad-distribuzzjoni tal-karti tal-flus li għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2023.';
2. L-Anness I huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2023.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-16 ta' Diċembru 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1211 tat-12 ta' Lulju 2022 dwar l-adozzjoni tal-euro mill-Kroazja fl-1 ta' Jannar 2023 (ĠU L 187, 14.7.2022, p. 31).

⁽²⁾ Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni BĊE/2010/29 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 26).

ANNEX

‘ANNEX I

SKEMA TA’ DISTRIBUZZJONI TA’ KARTI TAL-FLUS MILL-1 ta’ Jannar 2023

	%
Il-Bank Ċentrali Ewropew	8,0000 %
Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique	3,3250 %
Deutsche Bundesbank	24,0575 %
Eesti Pank	0,2570 %
Central Bank of Ireland	1,5455 %
Bank of Greece	2,2575 %
Banco de España	10,8825 %
Banque de France	18,6390 %
Hrvatska narodna banka	0,7400 %
Banca d'Italia	15,5035 %
Central Bank of Cyprus	0,1965 %
Latvijas Banka	0,3555 %
Lietuvos bankas	0,5280 %
Banque centrale du Luxembourg	0,3005 %
Il-Bank Ċentrali ta’ Malta	0,0960 %
De Nederlandsche Bank	5,3480 %
Oesterreichische Nationalbank	2,6710 %
Banco de Portugal	2,1360 %
Banka Slovenije	0,4395 %
Národná banka Slovenska	1,0450 %
Suomen Pankki	1,6765 %
TOTAL	100,0000 %.